MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NATASHA GALEA SCIBERRAS**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2014

Numru 194/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs**

**George Borg**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat George Borg ta’ 63 sena, bin Nicholas u Angela nee` Vassallo, imwieled nhar it-2 ta’ Frar 1950, il-Mosta u residenti 1, Sqaq l-Oratorju, il-Mosta u detentur tal-karta tal-identita` numru 998850(M)

Akkuzat talli fis-16 ta’ Frar 2014 u fil-gimghat ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer gewwa Wied il-Ghasel, meta c-cirkostanzi ma kienux hekk jippermettu huwa qatel

annimal u cioe` kelb meta mhuwiex veterinarju jew persuna ohra kompetenti skond il-ligi li jista' joqtol annimal ta' razza domestika jew li tappartjeni ghal razza selvagga u li giet domestikata u dan bi ksur tal-Artikolu 13(1) u (2) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzat ukoll talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi zamm ghandu jew qabel li jzomm ghandu annimali u ma kienx responsabbli bizzejjed ghat-trattament xieraq tal-annimali (Artikolu 8(3) tal-Kap. 439);

Akkuzat ukoll talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi bhala detentur ta' licenzja skond l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 480, naqas milli jhares il-pattijiet tal-licenza lilu moghtija skond il-Kap. 480 u dan ai termini tal-Artikolu 52 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Peress illi l-imputat huwa detentur ta' licenza taht il-Kap. 480, f'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 12 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u cioe` tal-arma.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, kif registrata fl-udjenza tas-17 ta' Frar 2014, meta sar l-ezami tal-imputat ai termini tal-Artikoli 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammisjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-istess imputazzjonijiet.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat u l-fatt illi l-istess imputat ikkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha. Il-Qorti qieset ukoll il-fedina penali tieghu li hija kwazi netta.

Mill-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat, jirrizulta illi dak li wassal biex huwa qatel lill-kelb tieghu kien illi huwa hassu mhedded minnu f'okkazzjoni partikolari u ghalhekk iddecieda illi jehles minnu. Minflok hadu gewwa *dogs' home* jew ghand veterinarju sabiex iraqqdu, iddecieda li jehles minnu huwa stess u dan billi sparalu tir wiehed f'rasu.

Il-ligi trid tevita proprju dan, kif jirrizulta car mill-Artikolu 13(1) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu jghid hekk:

"*Ħlief f'każ ta' emerġenza li viżibilment tfisser tbatija żejda u li tista' twassal għall-mewt, veterinarju biss jew persuna oħra kompetenti tista' toqtol annimal ta' razza domestika …*".

Min-naha l-ohra l-Qorti qieset ukoll dak li qal ukoll l-imputat fl-istqarrija tieghu fis-sens illi "*… sparajtlu go rasu biex ma jbatix u jmut mal-ewwel. Huwa minnufih waqa' mal-art u kien mejjet*." Mill-atti ma jirrizultax illi l-imputat kien jahqar lill-kelb tieghu u lanqas jidher illi f'din l-okkazzjoni, huwa kellu intenzjoni li jahqru, ghalkemm naturalment ma kien hemm l-ebda emergenza li ssemmi l-ligi bhala skuzanti ghall-qtil da parti tieghu tal-istess annimal u f'dan is-sens, ghalhekk l-imputat ghandu jwiegeb ghal eghmilu. Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi l-ligi trid li l-metodi ta' qtil applikati jkunu dawk illi jgibu l-inqas tbatija fizika u mentali ghall-annimal u ghal dan il-ghan telenka wkoll metodi ta' qtil li huma espressament projbiti – kemm f'kaz ta' emergenza u anke mod iehor - bhala ma huma l-ghariq jew metodi ta' soffokazzjoni, l-uzu ta'

sustanzi velenuzi li d-doza u l-applikazzjoni taghhom ma tistax tigi kkontrollata u xokkijiet elettrici. Il-Qorti kkunsidrat ghalhekk illi l-imputat ma applikax metodu ta' qtil illi kien evidentement iwassal ghal tbatija fizika u mentali tal-annimal, ghalkemm naturalment u kif diga` inghad, bl-ebda mod ma kien gustifikat fic-cirkostanzi illi jaqbad u joqtol il-kelb tieghu huwa stess bi ksur espress u car tal-ligi.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll illi l-imputat deher genwinament iddispjacut dwar dak li ghamel.

Min-naha l-ohra, imbaghad, il-Qorti qieset ukoll is-serjeta` tar-reat ikkontemplat fit-tielet imputazzjoni.

Dwar l-ewwel zewg imputazzjonijiet, il-Qorti kkunsidrat ukoll illi jezisti l-konkors formali jew ideali bejn id-delitti kkontemplati f'dawn l-imputazzjonijiet. Il-konkors formali jista' jsehh f'zewg cirkostanzi – wiehed minn dawn ic-cirkostanzi huwa meta l-istess fatt jikser zewg jew izjed disposizzjonijiet tal-ligi sabiex hekk jaghti lok ghal izjed minn imputazzjoni wahda. Kif jispjega l-Professur Sir Anthony J. Mamo fin-noti tieghu "*Lectures in Criminal Law*":-

"*… in order that the violations of the several provisions of law may constitute and be dealt with as one single offence, it is essential that they be the result of one single action on the part of the offender and of one and the same criminal determination. This is perfectly in conformity with general principles, for there cannot be one offence where the several violations of the law are accompanied with as many criminal determinations, but only where they are the product of one single criminal determination, or in other words are accompanied with one formal element of the offence*. *That which therefore, prevails in determining whether the fact was one is the assessment of the intention and the purpose of the agent.*"[1]

[1] Pagna 152.

Kif jghid il-Professur Mamo, il-ligi taghna ma ssemmix b'mod esplicitu din il-forma ta' konkors, izda l-Qrati taghna accettaw u applikaw din id-dottrina f'diversi decizjonijiet (f'dan is-sens ara per ezempju s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Tabone**, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fis-26 ta' Awwissu 1998).

Il-Professur Mamo ikompli jghid hekk:

"*The practical effect of this doctrine is that the accused cannot be punished for the several violations but can only be subjected to the punishment provided for the more serious violation*".[2]

Issa f'dan il-kaz, il-piena applikabbli ghall-ewwel zewg imputazzjonijiet hija l-istess ossia dik kontemplata fl-Artikolu 45(1)(a) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant sejra tapplika din il-piena ghal darba fir-rigward taz-zewg imputazzjonijiet.

In oltre il-Qorti qieset ukoll illi l-Prosekuzzjoni talbet l-applikazzjoni tal-Artikolu 12 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk: "*Meta reat volontarju taht ligi li ma tkunx dan l-Att isir minn detentur ta' licenza taht dan l-Att permezz ta' xi arma tan-nar li jkollha licenza taht l-artikolu 11, il-piena ghad-detentur meta jinstab hati ghandha tizdied bi grad sa zewg gradi sakemm il-ligi ma tkunx diga` tipprovdi ghal piena akbar meta r-reat isir b'arma tan-nar jew arma regolari*".

Stante illi r-reat volontarju in kwistjoni huwa regolat mill-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta li ma jipprovdi l-ebda piena akbar meta r-reat isir b'arma tan-nar jew arma regolari, il-piena applikabbli fil-kaz tar-reat in kwistjoni ghandha tizdied bi grad sa zewg gradi. Li jfisser ukoll illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 31(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti hija prekluza milli timponi l-piena tal-multa fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet. Il-Qorti qeghda tapplika wkoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fis-sens illi qeghda zzid

[2] Pagna 153.

mal-piena tad-delitt l-izjed gravi u cioe` dak kontemplat taht l-Artikolu 52 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, nofs iz-zmien tal-piena l-ohra kkontemplata fir-rigward tar-reati fl-ewwel zewg imputazzjonijiet (li fir-rigward taghhom kif inghad japplika l-konkors formali bejn id-delitti), liema piena tinkludi wkoll iz-zieda fil-gradi a tenur tal-Artikolu 12 tal-Kap. 480.

Madankollu fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u tenut kont tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula, il-Qorti ma tqisx illi ghandha tapplika piena ta' prigunerija effettiva.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(3), 13(1) u (2) u 45(1)(a) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 12, 28 u 52 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 17(b) u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' **prigunerija ta' hmistax-il (15) xahar** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tigi **sospiza ghall-perjodu ta' tliet (3) snin mid-data ta' din is-sentenza**.

Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 56 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tordna l-konfiska tal-arma tan-nar li giet esebita fl-atti ta' dawn il-proceduri.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car il-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija, waqt il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza.

Finalment, il-Qorti tordna illi l-atti flimkien ma' kopja tas-sentenza, jintbaghtu lill-Avukat Generali fit-terminu previst mil-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------